

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Divorzju U Separazzjoni Legali](#) > [Estonia](#)

Divorzju u separazzjoni legali



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ksib ta' divorzju?

Divorzju jista' jingħata minn uffiċċju tar-reġistru (*perekonnaseisusutus* jew *perekonnaseisumet*) jew minn nutar bi ftehim reċiproku bejn il-konjuġi fuq il-bażi ta' rikors konġunt bil-miktub, jew minn qorti fuq il-bażi ta' kawża mressqa minn xi ħadd mill-miżżewġin kontra l-parti l-oħra. Dan tal-aħħar jiġri f'każ li l-miżżewġin ma jkunux jaqblu dwar id-divorzju jew iċ-ċirkostanzi relatati mad-divorzju jew jekk uffiċċju tar-reġistru ma jkun kompetenti biex jagħti d-divorzju.

2 X'inhuma r-raġunijiet għal divorzju?

Uffiċċju tar-reġistrazzjoni jew nutar jistgħu jagħtu divorzju bi ftehim reċiproku bejn il-miżżewġin fuq il-bażi ta' talba konġunta bil-miktub u jekk iż-żewġ miżżewġin jkunu residenti l-Estonja.

Divorzju jista' jingħata minn qorti fuq il-bażi ta' kawża miġjuba minn wieħed mill-miżżewġin kontra l-ieħor, ladarba r-relazzjonijiet konjugali jkunu ntemmu definittivament. Ir-relazzjonijiet konjugali jntemmu ladarba tintemm il-koeżistenza matrimonjali u jkun hemm għax wieħed jifhem li l-miżżewġin mhux se jerġgħu jikkoabitaw. It-tmiem tar-relazzjonijiet konjugali tkun preżunta ladarba l-miżżewġin ikunu għexu separati għal tal-anqas sentejn.

3 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' divorzju f'dak li jirrigwarda:

3.1 ir-relazzjonijiet personali bejn il-konjuġi (pereżempju l-kunjom)?

Id-divorzju ma jaffettwax ir-relazzjonijiet personali bejn il-miżżewġin. Mad-divorzju, l-uffiċċju tal-qorti jew tar-reġistru jista' jerġa' jistabbilixxi l-kunjom preċedenti ta' persuna jekk isir rikors għal dan; jekk le l-kunjom ta' maż-żwieġ jinżamm.

3.2 il-qsim tal-proprjetà tal-konjuġi

Mad-divorzju, il-proprjetà tal-konjuġi tinqasam skont ir-reġim patrimonjali ta' bejniethom. Fil-każ ta' koproprietà, il-miżżewġin ġeneralment jaqsmu koproprietà (*ühisvara*) bejniethom f'ishma indaqs skont id-dispożizzjonijiet dwar it-tmiem tas-sjeda komuni. Il-kompożizzjoni tal-koproprietà tiġi stabbilita mill-mument li fih jintemm ir-reġim tal-proprjetà. Ma hemm l-ebda obbligu fuq il-miżżewġin biex jaqsmu l-proprjetà tagħhom malli jiddivorzjaw. Sakemm tinqasam il-koproprietà, il-miżżewġin jeżerċitaw id-drittijiet u jwettqu l-obbligi relatati magħhom. Barra minn hekk, il-miżżewġin għandhom id-dritt li jippossjedu flimkien kull oġġett li jiffirma parti mill-koproprietà tagħhom.

Meta reġim tal-proprjetà li bih kwalunkwe żieda fil-beni tinqasam (*vara juurdekasvu tasaarvestus*) jintemm, jiġu aċċertati l-beni akkwistati ta' kull wieħed mill-miżżewġin u tiġi ddeterminata l-pretensjoni finanzjarja li tiġi mid-dmir għall-qsim tal-beni akkwistati.

Jekk il-miżżewġin ikunu jixtiequ jaqsmu l-proprjetà tagħhom mad-divorzju, il-proprjetà tinqasam skont ir-reġim tal-proprjetà magħżul jew skont ftehim dwar il-proprjetà matrimonjali (*abieluvaraleping*). Jekk il-miżżewġin jiffirmaw ftehim dwar il-proprjetà matrimonjali, dan jintemm fil-mument tad-divorzju. Ma' tmiem il-ftehim dwar il-proprjetà matrimonjali fil-każ ta' divorzju, kull dritt u dmir li joħroġ mill-ftehim dwar il-proprjetà matrimonjali jintemm ukoll. Il-proprjetà titqassam skont il-ftehim dwar il-proprjetà matrimonjali.

3.3 it-tfal minorenni tal-konjuġi

Id-divorzju ma jaffettwax ir-responsabbiltà tal-ġenituri u l-ġenituri jibqa' jkollhom kustodja konġunta.

B'mod ġenerali, il-ġenituri għandhom jaqblu dwar ma' min se jgħixu t-tfal, min se jkun involut fit-trobbija tat-tfal u sa liema punt, kif ukoll kemm se jitħallas bħala manteniment u għal kemm żmien. Il-ħlas ta' kull xahar tal-manteniment għal wild minuri ma jistax ikun inqas mill-ammont minimu ta' manteniment għal wild minuri kif stabbilit fl-Att dwar il-Liġi tal-Familja (*perekonnaseadus*).

Jekk il-ġenituri ma jixtiequ u mhumiex kapaċi jeżerċitaw id-dritt tal-kustodja konġunta, kull ġenitur għandu d-dritt iressaq rikors il-qorti biex jingħatalu parzjalment jew kompletament il-jedd ta' kustodja tat-tifel. Il-bidliet fid-dritt tal-kustodja ma jaffettwawx l-obbligu tal-għoti tal-manteniment għal wild minuri.

3.4 l-obbligu ta' ħlas tal-manteniment lill-konjuġi l-ieħor?

Konjuġi divorzjat huwa intitolat li jirċievi l-manteniment:

1. sakemm it-tifel jilħaq l-età ta' tliet snin jekk, wara d-divorzju, il-konjuġi divorzjat ma jkunx jiflaħ imantni ruħu minħabba l-kustodja ta' bin il-konjuġi l-ieħor;
2. jekk, wara d-divorzju, il-konjuġi divorzjat ma jkunx jiflaħ imantni ruħu minħabba l-età jew il-kundizzjoni tas-saħħa tiegħu u jekk il-bżonn għal għajjuna minħabba l-età jew il-kundizzjoni tas-saħħa kienet diġà teżisti fil-mument tad-divorzju. Il-manteniment dovut minħabba l-età jew l-istat tas-saħħa jista' jintalab ukoll mill-konjuġi divorzjat l-ieħor f'każijiet fejn il-bżonn għal assistenza minħabba l-età jew l-istat tas-saħħa kien diġà jeżisti fil-mument li l-konjuġi tilef id-dritt li jieħu l-manteniment mill-konjuġi l-ieħor għal raġunijiet oħra previsti mil-liġi. Il-manteniment jitħallas sa kemm il-persuna intitolata għall-manteniment ma tkunx tista' tkun mistennija taqla' l-flus.

Missier huwa mistenni jipprovdi manteniment lil omm ibnu għat-tmien ġimgħat li jippreċedu t-twelid tat-tifel u għat-12-il ġimgħa ta' wara.

Qorti tista' teħles lil konjuġi divorzjat mill-obbligu li jipprovdi manteniment għal raġunijiet stipulati fil-liġi.

Konjuġi divorzjat intitolat li jirċievi manteniment jista' biss jitlob l-obbligu legali għall-għoti ta' manteniment wara li jiftaħ kawża.

4 F'termini prattiċi, xi jfisser it-terminu legali "separazzjoni ġudizzjarja"?

Il-miżżewġin jitqiesu li jkunu legalment separati meta ma jibqgħux joqogħdu flimkien u ma jkollhomx xi tip ta' koeżistenza matrimonjali u jidher biċ-ċar li tal-inqas wieħed mill-miżżewġin ma għandux ir-rieda li jirritorna għaliha jew joħloqha.

5 X'inhuma l-kundizzjonijiet għal separazzjoni ġudizzjarja?

Il-miżżewġin jgħixu separati.

6 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' separazzjoni ġudizzjarja?

Jekk miżżewġin ikunu legalment separati, kull wieħed minnhom ikun jista':

1. jitlob mingħand il-konjuġi l-ieħor kull oġġett li kien jintuża fl-interess tal-familja jekk ikollu bżonn l-oġġett fid-dar separata tiegħu u jkollu interess leġittimu biex ikompli jużah. Kull għamara jew tagħmir domestiku standard tad-dar matrimonjali li jkun taż-żewġ miżżewġin flimkien jinqasam bejniethom fuq il-bażi tal-prinċipju ta' ekwità. B'mod ġenerali, iż-żewġ miżżewġin jistgħu jressqu talba biex jiksbu l-effetti personali

li jkunu proprjetà individwali tagħhom. Kull koproprietà (jiġifieri b'mod partikolari, li tkun koproprietà tal-miżżewġin) tinqasam b'mod ġust u billi jittqiesu l-interessi ta' kull konjuġi u tat-tfal;

2. jittlob lill-konjuġi l-ieħor jittrasferixxi d-dar matrimonjali jew parti minnha għall-użu esklussiv tiegħu jekk dan ikun neċessarju biex jiġu evitati kunflitti personali ewlenin. Għalkemm, l-ewwel u qabel kollox, dan għandu jkun ibbażat fuq id-drittijiet preferenzjali ta' sid il-post, il-post jista' jitħalla għall-użu mill-konjuġi li ma jkunx is-sid, jekk il-qorti tqis li jkun neċessarju meta tqis il-mezzi taż-żewġ miżżewġin u l-interessi tat-tfal.

Jekk il-miżżewġin ikunu legalment separati, kull wieħed mill-miżżewġin irid jipprovdni manteniment fil-forma ta' ammonti ta' flus imħallsa b'mod regolari biex ikopru l-ispejjeż imġarrba mill-konjuġi l-ieħor fl-interess tal-familja.

7 Fil-prattika, xi jfisser it-terminu "annullament taż-żwieġ"?

L-annullament taż-żwieġ ifisser li ż-żwieġ jittqies li kien null mill-bidu nett. Żwieġ jista' jiġi annullat biss b'sentenza tal-qorti.

8 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jingħata annullament taż-żwieġ?

Annullament taż-żwieġ jista' jkun ibbażat fuq raġunijiet ta' invalidità taż-żwieġ speċifikati fl-Att dwar il-Liġi tal-Familja, jiġifieri qorti tista' tannulla żwieġ permezz ta' kawża jekk:

1. ir-rekwiżit li jikkonċerna l-età minima għaż-żwieġ jew li jikkonċerna l-kapaċità legali ma jkunx ġie osservat fil-mument taż-żwieġ;
2. il-projbizzjoni miż-żwieġ stabbilita fl-Att ma tkunx ġiet osservata fil-mument taż-żwieġ;
3. ir-rekwiżiti formali stabbiliti fl-Att ma jkunx ġew osservati fil-mument taż-żwieġ;
4. tal-anqas wieħed mill-miżżewġin kellu disturb mentali temporanju jew ma kienx jista' jeżerċita r-rieda tiegħu għal kull raġuni oħra fil-mument taż-żwieġ;
5. iż-żwieġ sar bi frodi jew ġegħil, inkluż billi jinħeba l-istat tas-saħħa jew dettalji personali oħrajn tal-konjuġi, meta daww id-dettalji jkunu rilevanti għall-validità taż-żwieġ;
6. ma kinitx l-intenzjoni ta' wieħed mill-miżżewġin jew tat-tnejn li huma li jwettqu l-obbligi li jiġu mill-istatus ta' miżżewwew, imma ż-żwieġ sar għal finijiet oħra, partikolarment bl-intenzjoni li jinkiseb permess ta' residenza Estonjan (żwieġ ta' konvenjenza).
7. il-konjuġi huma tal-istess sess minħabba bidla fis-sess li saret matul iż-żwieġ.

Barra minn hekk, żwieġ jittqies li jkun null, jekk:

1. iż-żwieġ ikun bejn persuni tal-istess sess;
2. il-fatt li ż-żwieġ ikun sar ikun ikkonfermat minn persuna li ma jkollux il-kompetenza ta' reġistratur, jew
3. tal-anqas parti waħda ma tkunx esprimiet ix-xewqa li tidħol għaż-żwieġ.

9 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' annullament taż-żwieġ?

Mal-annullament taż-żwieġ, iż-żwieġ jittqies li kien null mill-bidu nett, sakemm iż-żwieġ ma jkunx ġie annullat minħabba li kien żwieġ bejn persuni tal-istess sess. F'dak il-każ iż-żwieġ jiġi annullat abbażi tad-dħul fis-seħħ ta' sentenza tal-qorti. Persuni li ż-żwieġ tagħhom ikun ġie annullat ma jibqax ikollhom id-drittijiet u d-dmirijiet fir-rigward ta' xulxin li jiġu miż-żwieġ (inklużi daww li jiġu minn kwalunkwe ftehim dwar il-proprjetà matrimonjali, li jittqies null ukoll).

Jekk żwieġ jiġi annullat minħabba li wieħed mill-miżżewġin ikun ħeba lill-konjuġi prospettiv l-ieħor li kien diġà miżżewwew, jew ikun influwenza lill-konjuġi l-ieħor biex jiżżewġu bi frodi jew ġegħil, qorti tista' tordna lil dik il-persuna biex tħallas manteniment lill-persuna li kienet fi żwieġ null magħha billi tapplika r-regoli li jikkonċernaw l-għoti ta' manteniment lil konjuġi. Fuq talba tal-parti li tkun ġiet imġiegħla tiżżewwew illegalment, qorti tista' tapplika dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-proprjetà matrimonjali għar-reġim patrimonjali tal-partijiet (jiġifieri koproprietà tal-miżżewġin).

Tfal minn żwieġ annullat ikollhom l-istess drittijiet u dmirijiet bħal tfal minn żwieġ validu.

10 Hemm mezzi alternattivi mhux ġudizzjarji biex jissolvew il-kwistjonijiet relatati mad-divorzju mingħajr il-bżonn ta' rikors il-qorti?

Uffiċċju tar-reġistru jew nutar jistgħu jagħtu d-divorzju bi ftehim bejn il-miżżewġin. Il-konsegwenzi legali ta' divorzju (eż. il-qsim tal-proprjetà matrimonjali) jistgħu jiġu stabbiliti fi ftehim bejn il-konjuġi involuti.

Fil-każ li l-miżżewġin ikollhom kwalunkwe tilwima fir-rigward ta' ċirkostanzi tad-divorzju, ma hemm l-ebda mezzi ekstraġudizzjarji biex tinstab soluzzjoni.

11 Fejn għandi nippreżenta r-rikors (petizzjoni) tiegħi għal divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ? Liema formalitajiet għandhom jitħarsu u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?

Talba għal divorzju tista' tintbagħat lil:

1. l-uffiċċju tar-reġistru tal-post tar-residenza ta' wieħed mill-miżżewġin (jekk ir-residenza taż-żewġ miżżewġin tkun l-Estonja);
2. nutar;
3. il-qorti tal-prim'istanza li l-ġuriżdizzjoni tagħha tkopri l-post tar-residenza tal-intimat (qorti tal-kontea) (*makohus*)).

Rikors għall-annullament ta' żwieġ għandu jiġi ppreżentat quddiem il-qorti tal-prim'istanza (il-qorti tal-kontea) tal-post tar-residenza tal-intimat.

Divorzju jingħata minn uffiċċju tar-reġistru fuq il-bażi ta' talba personali konġunta bil-miktub. Il-konjuġi għandhom jikkonfermaw fit-talba li ma għandhom l-ebda tilwim rigward tfal, il-qsim tal-koproprjetà jew l-ordnijiet għall-manteniment. Talbiet għal divorzju għandhom ikunu akkumpanjati minn dokument li jiċċertifika ż-żwieġ. Jekk konjuġi minħabba raġunijiet tajbin ma jkunx jista' jidher personalment fl-uffiċċju tar-reġistru biex iressaq ir-rikors konġunt, huwa jkun jista' jibgħat rikors separat li jkun iċċertifikat minn nutar. Dokumenti b'lingwa barranija għandhom jintbagħtu lill-uffiċċju tar-reġistru bi traduzzjoni ċċertifikata minn nutar, uffiċjal konsulari jew traduttur ġuramentat. Kull dokument li jiċċertifika ż-żwieġ li jkun inħareġ minn pajjiż barrani jrid ikun legalizzat jew ikollu postilla, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fi ftehim internazzjonali.

Divorzju jingħata minn nutar fuq il-bażi ta' talba personali konġunta bil-miktub mingħand il-miżżewġin. Talbiet għal divorzju għandhom ikunu akkumpanjati minn dokument li jiċċertifika ż-żwieġ. Jekk konjuġi minħabba raġunijiet validi ma jkunx jista' jidher personalment fl-uffiċċju tan-nutar biex iressaq it-talba konġunta, huwa jkun jista' jibgħat talba separata li tkun iċċertifikata minn nutar. Dokumenti b'lingwa barranija għandhom jintbagħtu lill-uffiċċju tar-reġistru bi traduzzjoni ċċertifikata minn nutar, uffiċjal konsulari jew traduttur ġuramentat. Kull dokument li jiċċertifika ż-żwieġ li jkun inħareġ minn pajjiż barrani jrid ikun legalizzat jew ikollu postilla, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fi ftehim internazzjonali.

Fi kwistjoni matrimonjali li trid tiġi aġġudikata minn qorti Estonjana, il-kawża trid titressaq fil-qorti li l-ġuriżdizzjoni tagħha tkopri l-post tar-residenza matrimonjali tal-miżżewġin jew, jekk din ir-residenza ma teżistix fil-qorti li l-ġuriżdizzjoni tagħha tkopri l-post tar-residenza tal-intimat. Jekk il-post tar-residenza tal-intimat ma jkunx fl-Estonja, il-kawża trid titressaq fil-qorti li l-ġuriżdizzjoni tagħha tkopri l-post tar-residenza ta' wild minuri tal-partijiet jew, fin-nuqqas ta' wild minuri tal-partijiet, fil-qorti li l-ġuriżdizzjoni tagħha tkopri l-post tar-residenza tar-rikorrent. Biex tinfetaħ kawża l-qorti għal divorzju, separazzjoni ġudizzjarja jew annullament ta' żwieġ, ir-rikors irid jissodisfa r-rekwiżiti formali kollha stabbiliti fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*tsiviilkohtumenetluse seadustik*) fir-rigward ta' kawża ċivili. Ir-rikors u kull evidenza dokumentata għandhom jintbagħtu lill-qorti bil-miktub jew b'mod elettroniku, bl-Estonjan u f'format A4.

Fir-rikors irid jiġi indikat isem il-qorti, id-dettalji personali tar-rikorrent u tal-intimat (il-miżżewġin) u ta' wliedhom minuri konġunti. Irid jiġi indikat ukoll min se jipprovdi għall-manteniment tat-tfal u min se jrabbihom u ma' min se jgħixu; ir-rikors irid ikun fih ukoll proposta għall-arranġament futur tad-drittijiet tal-ġenituri u t-trobbija tat-tfal. Barra minn hekk, għandhom jiġu indikati ċ-ċirkostanzi fattwali li jikkostitwixxu l-bażi għall-kawża; ir-rikorrent

għandu wkoll jelenka u jippreżenta kwalunkwe prova li jista' jkollu.

Minbarra dan, jekk tkun se tinqasam xi koproprietà, il-kompożizzjoni tal-proprjetà u fejn tinsab għandu jkun indikat fir-rikors, u għandu jiġi ddeterminat il-valur tal-oġġetti li jappartjenu lir-rikorrent u għandha ssir proposta dwar il-qsim tal-koproprietà. Jekk il-miżżewġin kienu ffirmaw ftehim dwar il-proprjetà matrimonjali, dan għandu jinhemeż mar-rikors.

Ir-rikors irid ikun iffirmit mir-rikorrent jew mir-rappreżentant tiegħu. Jekk dan isir minn rappreżentant, għandu jiġi inkluż dokument ta' awtorizzazzjoni jew dokument ieħor li jiċċertifika s-setgħat tar-rappreżentant.

12 Nista' ningħata għajnuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Jekk il-persuna li titlob l-għajnuna legali ma tkunx tiflaħ tħallas l-ispejjeż proċedurali minħabba l-qagħda finanzjarja tiegħu jew jiflaħ iħallas biss parti minnhom jew bin-nifs, u jekk hemm raġuni suffiċenti biex jidher li l-parteċipazzjoni tiegħu fil-proċedimenti twassal biex jerbaħ il-kawża, il-qorti tista' tirrilaxxah mill-obbligu li jħallas l-ispejjeż proċedurali kollha jew għal parti minnhom u tħalli lill-istat ikopri dawk l-ispejjeż.

13 Huwa possibbli li deċiżjoni relatata ma' divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ tiġi appellata?

Appell jista' jitressaq kontra sentenza li tirrigwarda divorzju, separazzjoni ġudizzjarja jew annullament taż-żwieġ skont id-dispożizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-proċedimenti f'każ ta' appell, jekk l-parti li tappella tħoss li s-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza kienet ibbażata fuq interpretazzjoni ħażina tal-liġi (eż. il-qorti tal-ewwel istanza tkun applikat inkorrektament dispożizzjoni ġuridika tad-dritt sostantiv jew tad-dritt proċedurali).

14 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ mogħtija minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonoxxuta f'dan l-Istat Membru?

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111, sentenza dwar divorzju li ssir fi Stat Membru wieħed tkun rikonoxxuta awtomatikament fl-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea (ħlief fid-Danimarka) mingħajr il-ħtieġa ta' ebda proċedura speċjali.

15 F'liema qorti għandi nirrikorri biex nopponi għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet?

Sabiex jiġi kkontestat ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar divorzju, separazzjoni ġudizzjarja jew annullament ta' żwieġ, għandha tiġi indirizzata l-qorti tal-appell tal-Istat Membru kif indikat fil-lista ppubblikata fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111. Fl-Estonja din il-funzjoni taqdiha qorti distrettwali (*ringkonnakohus*).

Il-proċedura u l-iskadenza għal appell minn deċiżjoni tal-qorti tiġi stabbilita fid-deċiżjoni tal-qorti.

16 Liema liġi tad-divorzju tiġi applikata mill-qorti fil-proċeduri ta' divorzju bejn konjuġi li ma jgħix f'dan l-Istat Membru jew li huma ta' nazzjonalitajiet differenti?

Fil-każ ta' divorzju, tapplika l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż fejn jinsab il-post tar-residenza komuni tal-miżżewġin. Jekk il-miżżewġin joqogħdu f'pajjiżi differenti imma għandhom l-istess ċittadinanza, il-konsegwenzi ġuridiċi ġenerali taż-żwieġ huma definiti fil-leġiżlazzjoni tal-pajjiż li huma ċittadini tiegħu. Jekk il-miżżewġin ikunu joqogħdu f'pajjiżi differenti u jkollhom ċittadinanza differenti, il-konsegwenzi ġuridiċi ġenerali taż-żwieġ jiġu determinati fuq il-bażi tal-liġi tal-pajjiż:

- fejn kellhom l-aħħar residenza komuni, sakemm xi ħadd mill-miżżewġin ikun għadu joqgħod f'dak il-pajjiż;
- fejn tirrisjedi l-kontroparti;
- fejn, fil-każ ta' rikors konġunt, xi ħadd mill-miżżewġin ikun residenti;
- fejn rikorrent għad-divorzju jirrisjedi jekk ikun irrisjeda hemmhekk għal mill-inqas sena immedjatament qabel ma ressaq ir-rikors, jew fejn rikorrent għad-divorzju jirrisjedi jekk ikun irrisjeda hemmhekk għal mill-inqas 6 xhur immedjatament qabel ma jkun ressaq ir-rikors u jekk ikun ċittadin tal-Istat Membru inkwistjoni.

Jekk id-divorzju mhux permess skont il-liġi msemmija hawn fuq jew hija permessa biss skont kundizzjonijiet stretti ħafna, il-liġi Estonjana tapplika minflok jekk wieħed mill-miżżewġin ikun residenti l-Estonja jew ikollu ċittadinanza Estonjana jew kien residenti l-Estonja jew kellu ċittadinanza Estonjana fil-mument taż-żwieġ.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



■ L-aħħar aġġornament: 28/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.